A.L. 2 ta' l-2005

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2005 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-2005 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Jum stabbilit.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-15 ta' Settembru, 2004 jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 ta' l-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'biċċa art ġewwa Ħal Far, inkluz kull bini li hemm fuqha, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru. 63_81_35 liema pjanta ġiet transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att pubbliku datat it-28 ta' Settembru, 2004.